MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1407/2003

**Auto Repairs and Service Limited**

**Vs**

**Allied Insurance Agency Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u disgha u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm299.06c) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ta' servizzi rezi.

Ra r-Risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont pretiz huwa eccessiv. Illi s-socjeta' attrici baqghet inadempjenti meta mitluba tissostanzja t-talba taghha.

Sema' x-xhieda ta' Clive Mifsud, Rosette Calafato, Nicholas Fenech Clarke u ta' Bryan Attard.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

**Ikkunsidra**

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici rriparat vettura u ghal dawn ir-riparazzjonijiet assumiet ir-responsabbilta' s-socjeta' konvenuta assiguratrici. Fil-kors tax-xoghlijiet gew mibdula xi *parts*, fosthom *tyre* tal-marka *Bridgestone*. Il-kawza attrici tirrigwarda proprju l-prezz li hija talbet lis-socjeta' konvenuta thallas fir-rigward ta' dan l-istess *tyre*.

Jirrizulta mill-provi li l-vettura in kwistjoni kienet *Honda* u li s-sid insista li l-parts mibdula jinxtraw minghand l-agent. B'hekk is-socjeta' attrici xtrat it-*tyre* in kwistjoni, bhal m'ghamlet fil-kaz tal-parts l-ohra, minghand l-agent tal-*Honda.* It-*tyre* in kwistjoni, ghalkemm hija supplita mill-*Honda*, hija tal-marka *Bridgestone* u hawn Malta ghandna agent li jissupplixxi *tyres* ukoll tal-marka *Bridgestone* u l-fatti mhux kontestati f'din il-kawza huma li jekk wiehed jixtri dan it-*tyre* minghand il-*Honda* jiswa l-ammont mitlub fil-kawza mentri jekk jixtrih minghand l-agent tal-*Bridgestone*, jiswa tlieta w erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm43.26c) u ghalhekk is-socjeta' konvenuta qed tikkontendi li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici huwa wiehed eccessiv.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-prezz ta' l-agent ta' tlieta w erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm43.26c) huwa ghal *tyre* ddentiku li gie supplit mis-socjeta' attrici lill-imsemmi assigurat.

Illi huwa principju bazilari li min jesegwixxi xoghlijiet ta' riparazzjonijiet ghandu jaghmilhom b'obbligu ta' *bonus pater familias* u f'dan ir-rigward huwa tenut illi jimminimizza kemm jista' jkun id-danni.

Ma' dan wiehed izid li m'hemmx dubju li sid il-vettura kellu kull dritt jinsisti li jintuzaw parts originali mixtrija minghand l-agent tal-vettura.

Ghalhekk, fir-rigward ta' agir tas-socjeta' attrici nsibu li minn banda wahda hija mxiet korrettament meta qdiet l-istruzzjonijiet u x-xewqat tas-sid. Ma kienx hemm dubju li t-*tyre* kellu jinbidel. Jekk wiehed jaccetta d-difiza tas-socjeta' konvenuta, l-attur jispicca jsofri telf – telf li jkun inkorra ntortament.

Mill-banda l-ohra wiehed jistaqsi: Ghaliex is-socjeta' konvenuta ghandha tigi ppenalizzata u mgieghelha thallas mitejn u disgha u disghin lira Maltin (Lm299) minflok tlieta w erbghin lira Maltin (Lm43)?

Is-soluzzjoni ghal dan il-kontrast m'hijiex facli. Certament sitwazzjoni bhal din m'ghandhiex tigri u l-misteru huwa: Kif jista' jkun li, jekk iggib *tyre* mill-Gappun jigik iktar minn erba' darbiet minn kieku iggibu minghand is-supplier ta' l-istess *tyre*? Dan mhux misteru li jista' jigi solvut minn dan it-Tribunal.

Tenut kont tal-premess it-Tribunal jidhirlu li dan huwa kaz klassiku fejn ghandu jimxi bl-ekwita' li f'dan il-kaz tiddetta li z-zewg partijiet ghandhom igorru l-piz tad-differenza bejn mitejn u disgha u disghin lira Maltin (Lm299) u tlieta w erbghin lira Maltin (Lm43) – cjoe' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin (Lm128) kull wiehed. B'hekk it-talba attrici ser tigi akkolta ghas-somma ridotta ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm171) – u dan igib mieghu temperament anki fuq il-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u wiehed u sebghin lira Maltin (Lm171) bl-interessi kif mitluba. In vista tal-premess, l-ispejjez ikunu kwantu ghal terz (1/3) ghas-socjeta' attrici u zewg terzi (2/3) ghas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------